# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2137

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2485/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Michael Azzopardi**

**vs**

**Engineering for Science and Industry (Malta) Ltd**

**dwar tkeccija mill-impieg allegati li hi ngusta.**

Illum 20 ta' Marzu 2012

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors tar-rikorrent Marvin Abdilla pprezentat fir-Registru tal-Qorti fis-16 t'April 2007, u ffirmat mill-avukat Norma Vella.

DIKJARAZZJONIJIET

Fid-Dikjarazzjoni li biha r-rikorrent fetah dan il-kaz huwa jghid biss li kien jahdem mal-kumpanija intimata u tkecca mill-impieg tieghu minghajr raguni valida fil-ligi. Fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu huwa jghid li kien dahal jahdem mas-socjeta` intimata fl-14 ta’ Marzu 2005 bhala electrician, u dejjem ghamel xogholu b’responsabbilta`; huwa qatt ma qala’ warnings u kien jahdem anke hafna over-time. Jghid li sa sitt xhur qabel twaqqflu l-impieg huwa kellu paga ta’ Lm87 fil-gimgha meta imbaghad ziduhielu ghal Lm97.25 fil-gimgha. Jghid li kien hemm impjegati bhalu li baqghu jahdmu warajh u kienu qed jithallsu madwar Lm110 fil-gimgha. Madankollu certi **Joseph, Simon, Jeffrey, Aaron u Fabian** kienu kollha bdew jahdmu warajh izda l-impieg taghhom ma giex

itterminat. Jghid li tkecca hu minhabba preferenzi da parti tas-supervisor. Ir-rikorrent ma talabx reinstatement.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz tal-intimata, John Fenech ghall-kumpanija intimata spjega kif il-kumpanija twaqqfet fl-2002 u hadet kuntratt biex taghmel xoghol ta’ stallazzjoni elettrika go l-isptar Mater Dei. Bdiet izzid il-haddiema sa ma waslet sa massimu ta’ xi 70 ruh, u malli tlesta x-xoghol originali l-kumpanija inghatat kuntratt iehor biex tiehu hsieb il-manutenzjoni tal-istallazzjonjiet elettrici, izda fuq dan il-kuntratt ghandha bzonn ferm inqas nies. Gie ddikjarat ukoll li l-kumpanija m’ghandhiex kuntratti ohra fejn tibghat dawn il-haddiema u ghalhekk ma kellhiex xoghol x’taghti lir-rikorrent. Jinghad li wara li r-rikorrent spicca l-impieg instab li kien thallas xi haga nieqsa u l-kumpanija bghatitlu dan flimkien man-notice period. Mid-dokument prezentat ma’ din ir-risposta (dokument A) jirrizulta fost affarijiet ohra li r-rikorrent twieled f’Awwissu 1960 u li kellu jibda jahdem b’paga ta’ Lm85.00 fil-gimgha; dwar il-post ta’ l-impieg jinghad li “Initially this will be the Mater Dei Hospital, Tal-Qroqq, Malta, but it may be any other site depending on prevailing contracts.”

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta tas-27 ta’ Lulju 2007 it-Tribunal stieden lill-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju, izda fis-seduta segwenti t-Tribunal gie infurmat li l-kaz kellu jkompli. Imbaghad inghatat decizjoni fil-11 ta’ Gunju 2010, liema decizjoni giet appellata u mibdula mill-Qorti tal-Appell tal-5 ta’ Mejju 2011 billi fl-ewwel lok giet irrevokata u mhassra d-decizjoni tal-11 ta’ Gunju 2010 u fit-tieni lok iddecidiet li t-tkeccija ta’ Michael Azzopardi kienet wahda ingusta u mhux skont il-ligi u rrinvjat l-atti lura lit-Tribunal Industrijali biex dan jiffissa l-kwantum tal-kumpens dovut lill-appellanti ghat-tkeccija tieghu mill-impieg minghajr gusta kawza. Ghalhekk din hija decizjoni dwar l-ammont ta’ kumpens li ghandu jithallas mis-socjeta` intimata lir-rikorrent.

IL-PROVI

Dan it-Tribunal ser jaghti harsa hafifa lejn provi li ingiebu u li qed jittiehdu in konsiderazzjoni in rigward tal-kumpens dovut.

Il-provi f'dan il-kaz huma l-istess provi migjuba fil-kaz l-iehor deciz illum fl-ismijiet Marvin Abdilla kontra Engineering for Science and Industry (Malta) Ltd (kaz numru 2484) peress li r-rikorrent f'dik il-kawza kien jahdem bhar-rikorrent f'din il-kawza u l-impieg tat-tnejn li huma intemm fl-istess jum. Marvin Abdilla xehed, fost affarijiet ohra, li meta twaqqaf l-impieg tieghu baqghu jahdmu diversi haddiema fil-grad ta' assistant electricians li kienu gew ingaggati warajh, kemm Maltin kif ukoll Indjani. Jghid li certu Jackson kien biss part-timer, u baqa' hemm. Pero` jghid li meta spicca x-xoghol li kellhom, kienu ntbaghtu jahdmu b'self ma' kumpanija ABB Utilities, u intbaghtu jaghmlu interview ma' kumpanija SIS. Jghid li ABB ppruvathom ghal madwar xahar imbaghad baghtitu lura mal-kumpanija intimata; jghid li kien hemm min inzamm minn din il-kumpanija ABB. Jghid li certu Fabian kellu l-licenzja, mentri Jeffrey u Aaron kienu bhalu bla licenzja, u ghalkemm dahlu jahdmu warajh baqghu fl-impieg. Imbaghad xehed ir-rikorrent li qal li l-kumpanija intimata hadet xoghol iehor ma' Farsons, u hemmhekk intbaghtu Simon, Pawlu u Joseph. Irrizulta li b'effett mill-1 ta' Jannar 2007 Jeffrey Camilleri u Aaron Farrugia li kienu assistant electricians bhar-rikorrent inghataw il-post ta' *electrical and preventive plant maintenance assistant*. Kien biss xi ftit granet qabel li l-kumpanija intimata baghtet lil Marvin Abdilla, Michael Azzopardi u haddiema ohra fuq *secondment* ma' ABB (email esebita a folio 50).

Ghall-kumpanija intimata xehed Simon Abela jghid li ghall-bidu l-kumpanija intimata kellha xoghol fil-Mater Dei biss tant li l-officini taghha kienu hemmhekk, izda maz-zmien huma imxew ghal officini barra l-isptar. Lill-isptar baqghet tipprovdilu xoghol ta' servicing, operation u maintenance. Jghid li x-xoghol originali kien ta' "production" fejn il-haddiema kienu jitqassmu f'*gangs*, mentri meta dak ix-xoghol intemm issa baqa' xoghol ta'

"maintenance". Jghid li Jeffrey Camilleri u Aaron Farrugia kienu gew impjegati bhar-rikorrent, imma imbaghad qalbuhom ghal "maintenance" ghaliex "Bazikament kienu nies flessibbli li stajt nafda fuqhom u bazikament urew interess li jaghmlu dan ix-xoghol u qlibthom fuq hekk." Jispjega li l-kumpanija kellha 4 kuntratti ohra li gew kompletati 2 f'Mejju 2007, 2 f'Dicembru 2007 u dak tal-isptar f'Gunju 2007. Madankollu l-kumpanija intimata hadet kuntratt iehor ta' maintenance kif inghad.

KONSIDERAZZJONJIET

Il-Qorti tal-Appell iddecidiet li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent kienet ingusta ghaliex fl-ewwel lok l-impieg ma kienx marbut mat-tender originali biss, u fit-tieni lok ghaliex ma gietx osservata ir-regola tal-*last-in-first-out*.

Issemma Joseph Farrugia li gie impjegat fl-istess grad fit-2 t'Awwissu 2005 u hareg redundant fl-14 ta' Lulju 2007. Issemma Simon Florian li wkoll gie impjegat f'Awwissu 2005 izda irrizenja fit-12 ta' Gunju 2007 u kien electrician. Kien hemm Simon iehor, Cremona, li dahal jahdem f'Settembru 2003. Issemma Fabien Calleja li kien gie impjegat fit-18 ta' Lulju 2005 u tkecca fit-23 ta' Lulju 2007. Issemma wkoll Jackson Bird li gie impjegat assistant electrician fil-11 ta' Lulju 2006 u spicca redundant fit-3 ta' Lulju 2007. Issemma wkoll certu Pawlu li mar jahdem ghand Farsons: mid-dokument SA2 (folio 116) jidher li dan aktarx kien Paul Vassallo li kien gie impjegat fil-bidu nett fil-11 ta' Gunju 2003. Electrical assistants li gew impjegati wara r-rikorrent u li ghadhom fl-impieg sal-lum huma biss Jeffrey Camilleri li gie impjegat fit-18 ta' Lulju 2005 u Aaron Farrugia li gie impjegat fl-istess kariga fl-1 ta' Jannar 2006.

Dan it-Tribunal jinnota li ix-xoghol originali li kellha l-kumpanija intimata gol-Mater Dei beda jispicca lejn l-ahhar tal-2006 u ghalhekk bdiet tara x'ser taghmel bl-impjegati. Jidher li ghal dawk li ma kellhiex xoghol jew

itterminatilhom l-impieg bhar-rikorrent, ohrajn pruvat tghaddihom lil kumpanija ohra, u ohrajn zammithom billi bidlitilhom xogholhom ghal biex jahdmulha fuq kuntratt gdid ta’ maintenance. Ir-rikorrent kien jikkwalifika biex jaghmel dan ix-xoghol ta’ maintenance, imma dak iz-zmien (Dicembru 2006) intbaghat ma’ ohrajn ghand il-kumpanija ABB bit-tama li din izommu, izda wara xi xahar intbghat lura. Jidher li ghal xi raguni, il-kumpanija intimata preferiet li Jeffrey Camilleri u Aaron Farrugia jibqghu maghha ghall-kuntratt il-gdid, mentri l-electrical assistants l-ohra kollha spiccaw bejn Marzu 2007 u Lulju 2007. Legalment il-kumpanija intimata ma setghetx tittermina l-impiegi skond min hu l-inqas efficjenti imma skond min gie impjegat l-ahhar. Ir-rikorrent ghadu sal-lum ma jistax isib impieg iehor.

Fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal ihoss li favur il-kumpanija intimata ghandu jitqies li verament hafna haddiema spiccaw bla xoghol matul is-sena 2007, u li Jeffrey Camilleri u Aaron Farrugia kienu l-aktar electrical assistants li wrew interess fix-xoghol u flessibilita` ghat-tip ta’ xoghol gdid li l-ESI (Malta) Limited.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz u c-cirkostanzi partikolari tieghu, it-Tribunal jikkonkludi li ghandu jiffissa l-kumpens li l-kumpanija intimata hija dovuta thallas lir-rikorrent fl-ammont ta’ sebat elef Euro (€7,000.00), sa zmien erbghin (40) jum mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Euro (€93.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman